TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Franki Grech u Caroline Grech

vs

Rausi Co. Limited

CCT 170/19/MM

Illum, 27 ta' Lulju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat nhar l-4 ta' Diċembru 2019 fejn talbu ir-rifużjoni ta' elf, tliet mija u ħamsin Ewro (€ 1350), rappreżentanti prezz ta' sufan ta' tip *rattan* li allegatament wara xagħrejn beda ħiereġ is-sadid minnu.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata pprezentata fit-30 ta' Jannar 2020, fejn eċċepiet illi l-kwistjoni kienet ġiet indirizzata billi l-biċċa tas-sufan fejn kienet issaddet kienet ġiet mibdula; illi t-talba tar-rikorrenti hija improponibbli minħabba li qegħdin janticipaw problema li għad trid tiġri fil-futur, ġjaladarba l-ħsara in kwistjoni ġiet indirizzata; illi r-rifużjoni tal-oġġett kollu ma tistax issir minħabba li l-problema kienet waħda verament minima kkumparata mal-oġġett innifsu materjal tal-bejgħ.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi illi r-rikorrenti kienu xtraw *outdoor sofa* u wara biss xahrejn kienu nnutaw sadid fejn l-*istapler*. Frankie Grech jgħid "kif meta xtrajnieh qatt ma qalulna li staples ma kienux stainless steel". Huwa jikkonferma li dan huwa *set* u jikkonsisti f'sitt biċċiet u mejda.

Min-naħa tas-soċjeta' intimata tinsisti li l-prodott huwa tajjeb.

Illi sussegwentement mill-provi rriżulta li r-rikorrenti effettivament qatt ma kienu xtraw dan is-sufan mis-soċjeta' intimata iżda minn terzi. Dan ħareġ fil-beraħ wara li s-soċjeta' intimata għamlet il-verifiki tagħha u ma sabitx irċevuta iżda biss *quotation* li huma kienu pprovdew fuq talba tar-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti jilmentaw li huma xtraw is-sufan mertu tal-kawża fejn allegatament wara biss xahrejn dan beda jissaddad. Madanakollu, tajjeb li wieħed jinnota li r-rikorrenti fl-ebda mument ma żvelaw li s-sufan qatt ma kien mixtri mingħand is-soċjeta' konvenuta, iżda mhux biss, wieħed dejjem ħa l-impressjoni li kien mingħandhom li nxtara tant li kemm ix-xhieda kif ukoll id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti dejjem kienet tindika r-rabta bejnhom u bejn is-soċjeta' konvenut.

Illi kien biss sussegwentement wara li s-soċjeta' intimata għamlet il-verifiki tagħha li ntebħet li d-dokument ippreżentat ma kienx bl-ebda mod rabta kuntrattwali ta' bejgħ bejn il-partijiet iżda biss kwotazzjoni fuq talba tar-rikorrenti.

Illi dan ċertament ma jwassalx għall-konvinċiment li tirrikjedi l-liġi għaliex mhux biss ma hemmx relazzjoni bejn il-partijiet (u dan minkejja li r-rikorrenti jsostni li s-sufan kellu *sticker* tas-soċjeta' intimata) iżda tant ir-rikorrenti kienu jaf b'dan in-nuqqas ta' ness li ttentaw jagħtu l-impressjoni li huma dejjem ikkontrattaw mas-soċjeta' intimata, fatt għal kollox inveritier.

Illi di piu', minħabba dan in-nuqqas li jipprova l-bejgħ tal-oġġett, bl-istess mod ma jistax jiġi stabbilit meta inxtara dan is-sufan in kwistjoni u lanqas fliema kundizzjoni inżamm preċedentement.

It-Tribunal josserva li minkejja li s-sufan ma kienx inxtara mingħand is-soċjeta' intimata, qabel mas-soċjeta' intimata ġiet a konjizzjoni ta' dan il-fatt, hija xorta waħda kienet wettqet

it-tiswijiet neċessarji u għalhekk dan it-Tribunal ma għandux għalfejn jiddubita lis-soċjeta' intimata meta tassigura li x-xogħlijiet twettqu u s-sufan in kwistjoni huwa f'kundizzjoni tajba.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti fl-intier tagħha.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru